MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 549/2013

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg fid-9 ta' Dicembru 1995 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel XX illi twieled fis-6 ta' Mejju 1997 u li ghalhekk ghandu 16-il sena;
2. Illi l-imsemmija konjugi D kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Marco Burlo fit-22 ta' Ottubru 1999 (Dokument RM1)
3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi D kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment iddekadew reciprokament mid-drittijiet ta' manteniment (Artikolu 2 tal-istess kuntratt) filwaqt li C D kien obbliga ruhu li jhallas lil A B is-somma ta' hamsin lira Maltin (LM 50) ekwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro (€116) fix-xahar bhala manteniment ghall-iben il-kontendenti u kif soggett ghall-kundizzjonijiet hemm stipulati (Artikolu 7 tal-istess kuntratt);
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-artikolu 66C tal-Kap. 16 ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Ottubru 1999;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------